**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 69/2014**

**Doris Buttigieg,**
**I.D. 740747(M)**

**vs**

**Jesmond Vassallo,**
**I.D. 50268(M)**

**Illum, 17 ta' Ottubru 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur li jghid hekk:

> Illi permezz ta' Skrittura Privata l-esponenti kienet kriet il-fond propjetà taghha f'numru 18, Triq il-Miklem Malti, f'Marsaskala, lill-intimat Jesmond Vassallo ghall-perjodu ta' tlett xhur.

Illi l-intimat kien talab, u l-esponenti gedditlu l-kera wara l-ewwel tlett xhur, ghal tlett xhur ohra sal-ahhar ta' Gunju 2014.

Illi sussegwentament irrizulta lill-esponenti li l-inkwilin ikkawzalha xi hsara fil-fond u fl-arredament tal-fond fl-ammont ta' € 280, barra li tella' pendenza tal-kont tad-dawl u ilma ghal € 618.92.

Illi sussegwentament hija saret taf minn ghand il-Pulizija li kien qed ikun hemm ilmenti ta' storbju mil-fond mikri lill-intimat.

Illi ghaldaqstant hija avzat lill-inkwilin li ma kienx bi hsiebha li terga' ggeddidlu il-kera u kellu jghaddilha ic-cwievet fl-ahhar ta' Gunju 2014, meta taghlaq il-kirja.

Illi l-intimat baqa' inadempjenti u ghalhekk qed ikollha timxi b'dawn il-proceduri sommarji specjali biex tizgombra lill-inkwilin u tithallas tad-danni u l-pendenzi tad-dawl u l-ilma.

Illi r-rikorrenti tiddikjara li sa fejn taf hija l-intimat m'ghandux difiza x'jaghti kontra t-talba li qed issir permezz ta' dawn il-proceduri sommarji specjali.

Illi r-rikorrenti taf il-fatti premessi personalment u flimkien ma' dan ir-Rikors Guramentat qeghda tipprezenta Affidavit Guramentat skond l-Artiklu 16A (1) (a) tal-Ordinanza li Tirregola it-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap.69 tal-ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord a tenur tal-proceduri sommarji specjali skond l-Artiklu 16A tal-Ordinanza li Tirregola it-Tigdid tal-Kera tal-Bini, joghgbu

jawtorizza lill-esponenti tirriprendi l-pussess tal-fond/appartament, f'Numru 18, Triq il-Miklem Malti, f'Marsaskala, fi zmien qasir perentorju u fl-istess hin tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' € 618.92 kont tad-dawl u ilma, u € 280 danni kkawzati fl-appartament.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors promotur u bid-digriet tal-Bord tal-10 ta' Settembru, 2014 permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni kif jirrizulta mir-riferti fuq in-naha ta' wara ta' folio 12 et sequitur tal-process.

Ra illi l-intimat gie debitament notifikat bid-digriet tal-Bord tal-25 ta' Marzu, 2015 u bl-avviz tas-smiegh permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni kif jirrizulta skont ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' folio 25 et sequitur tal-process, fuq in-naha ta' wara ta' folio 36 et sequitur tal-process, kif ukoll minn nota a folio 50 et sequitur tal-process, izda ma pprezenta l-ebda risposta.

Ra illi l-intimat minkejja li debitament notifikat baqa' kontumaci mhux biss ghax ma pprezenta l-ebda risposta izda wkoll naqas illi jidher quddiem il-Bord biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qed titlob li dan il-Bord joghgbu a tenur tal-proceduri sommarji specjali skond l-Artiklu 16A tal-Ordinanza li Tirregola it-Tigdid tal-Kera tal-Bini, joghgbu jawtorizza lill-esponenti

tirriprendi l-pussess tal-fond/appartament, f’Numru 18, Triq Miklem Malti, f’Marsaskala, fi zmien qasir u perentorju u fl-istess hin tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma ta’ € 618.92 kont tad-dawl u ilma, u € 280 danni kkawzati fl-appartament. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Illi l-intimat minkejja li debitament notifikat baqa’ kontumaci mhux biss ghax ma prezenta l-ebda risposta izda wkoll naqas milli jidher quddiem il-Bord biex jikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti.

Illi fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2016, dehret ir-rikorrenti Doris Buttigieg li kkonfermat bil-gurament it-talbiet taghha u illi minn meta giet prezentata l-kawza l-fatti baqghu l-istess kif dikjarati fir-rikors promotur u ghada ma rceviet l-ebda hlas.

Illi f’dik is-seduta r-rikorrenti talbet sentenza stante illi dawn huma proceduri sommarji.

Illi stante nuqqas ta’ kontestazzjoni da parti tal-intimat t-talba tar-rikorrenti ghad-dispensa tas-smiegh timmerita li tigi milqugha u t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta’ zgumbrament jiffissa terminu ta’ zmien tletin jum mil-lum, bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur